

L-Erbgħa 8 ta' Ġunju 2016

P8_TA(2016)0258

Is-soġġezzjoni ta' α-PVP għal miżuri ta' kontroll *

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kunsill dwar is-soġġezzjoni tas-sustanza psikoattiva ġidha 1-phenyl-2-(pyrrolidin-1-yl)pentan-1-one (α-pyrrolidinovaleropnone, α-PVP) għal miżuri ta' kontroll (15386/2015 – C8-0115/2016 – 2015/0309(CNS))

(Konsultazzjoni)

(2018/C 086/34)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-abbozz tal-Kunsill (15386/2015),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 39(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, kif emendat bit-Trattat ta' Amsterdam, u l-Artikolu 9 tal-Protokoll Nru 36 dwar id-dispożizzjonijiet tranżitorji, skont liema artikoli ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0115/2016),
 - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/387/ĠAI tal-10 ta' Mejju 2005 dwar l-iskambju ta' informazzjoni, il-valutazzjoni tar-riskju u l-kontroll fuq sustanzi psikoattivi ġodda (¹), u b'mod partikolari l-Artikolu 8(3) tagħha,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A8-0175/2016),
1. Japprova l-abbozz tal-Kunsill;
 2. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 3. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda t-test approvat mill-Parlament b'mod sustanzjali;
 4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

(¹) ĠU L 127, 20.5.2005, p. 32.